KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA URĠENTI NUMRU 67**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 15 ta' Mejju, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum t-Tnejn, 15 ta' Mejju, 2023, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsillier

Skużat:
Joseph Buttigieg - Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 67.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

67.1.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab sabiex ikun skużat, madankollu xorta ngħaqad magħna permess ta' *teleconferencing.*

## 67.2 Permess għall-bidu ta' proċess għall-Impjeg ta' *Executive Officer* mall-Kunsill Lokali:

67.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri dwar is-sitwazzjoni klerikali preżenti. Bħal ma kienu diġa ġew informati fil-laqgħat preċedenti l-iskrivana Ms. RoseAnne Azzopardi kienet resqet it-talba sabiex mill-1ta' Ġunju 2023 tibda taħdem b'reduced hours jew anka taħdem xi sigħat mid-dar liema it-talba qedha tagħmilha fuq bażi ta' bżonnijiet familjari. F'din is-sitwazzjoni l-Kunsill għandhu bżonn illi jassigura li l-uffiċċju tal-kunsill jista jibqa jopera u joffri l-aħjar servizz lir-residenti.

Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv irrakomandat illi jiskatta l-proċess sabiex jiġi ingaġġat Uffiċċjal Eżekuttiv fuq bażi full-time mill-aktar fis. Ġie spjegat illi s-salarju tal-Uffiċċjal Eżekuttiv li huwa fi skala 13 jkun qed jitħallas mill-fondi tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu sabiex jiskatta l-proċess b'effett immedjat.

## 67.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

67.3.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-17:30pm. Il-laqgħa ġiet aġġoranta għal nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023, fl-4:30pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555
qala.lc@gov.mt